**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' April 2025**

**Rikors nru : 131 /2025 AGV**

JF

Vs

SF

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors ta' J F**

Jesponi bir-rispett:

1. Illi l-partijiet zzewgu fil-hamsa u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elf disa mija tmienja u disghin (1998) fil-Knisja tal-Immakulata Kuncizzjoni gewwa Burmarrad, u dana skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala DOK A;

2. ILLI l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Paul Degiorgio datat tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) (DOK B) ;

3. Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta manteniment u l-att ta' separazzjoni qed jigi osservat fl-intier tieghu;

4. Illi l-partijiet ilhom jghixu separtament ghal aktar minn sena u l-esponenti ma jarax li hemm xi prospett ragonevoli ta rikonciljazzjoni;

5. Illi b`hekk ir-rekwiziti tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta huma kollha sodisfatti.

**Ghaldaqstant** in vista tas-suespost l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

i. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ezistenti bejn il-partijiet;

ii. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex b`hekk dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan taht kull provvediment xieraq u opportun li din l-Onorabbli Qorti jogghobha taghti.

Rat li l-intimata, debitament notifikata, ma ppresentatx risposta u ma deheritx ghas-seduta skedata.

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar fil- 25 ta' OTTUBRU 1998**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**